

Paġna ewlenija>Proċeduri tal-qorti>Videjokonferenzi>Faċilitajiet fil-pajjiżi tal-UE
Faċilitajiet fil-pajjiżi tal-UE

il-Kroazja

L-eżami tax-xhieda fil-Kroazja għall-fini ta' proċedimenti quddiem qorti barranija jsir wara talba għal assistenza legali (reċiproka) internazzjonali. Dan japplika wkoll għall-interrogazzjoni ta' xhud permezz ta' vidjokonferenza fejn il-qorti domestika, wara talba ta' awtorità ġudizzjarja barranija, tagħmel l-eżami tax-xhud fil-Kroazja u tippermetti li din l-interrogazzjoni tixxandar permezz ta' kollegament bil-vidjow.

Il-qafas ġuridiku

Il-Konvenzjoni Ewropea dwar l-Assistenza Reċiproka f'Materji Kriminali tal-20 ta' April 1959, flimkien maż-żewġ Protokolli Addizzjonali (tas-17 ta' Marzu 1978 – *Narodne novine* (NN; Il-Gazzetta Uffiċjali tar-Repubblika tal-Kroazja) *Međunarodni ugovori* [Trattati Internazzjonali] Nru 4/99 – u tat-8 ta' Novembru 2001 – NN Trattati Internazzjonali Nru 4/07)

L-Att dwar l-assistenza legali internazzjonali f'materji kriminali (*Zakon o međunarodnoj pravnoj pomoći u kaznenim stvarima*) (NN Nru 178/04)

L-Att dwar il-Proċedura Kriminali (*Zakon o kaznenom postupku*) (NN Nri 152/08, 76/09, 80/11, 121/11, 91/12, 143/12, 56/13, 145/13, 152/14, 70/17)

L-awtorità ċentrali biex tirċievi l-ittri rogatorji għall-għajnuna legali hija t-Taqsima għall-Assistenza Legali Internazzjonali u l-Kooperazzjoni Ġudizzjarja mal-Istati Membri tal-UE tad-Direttorat għall-Affarijiet Ewropej, il-Kooperazzjoni Internazzjonali u Ġudizzjarja fil-Ministeru għall-Ġustizzja Kroat (*Ministarstvo pravosuđa RH, Uprava za europske poslove, međunarodnu i pravosudnu suradnju, Sektor za međunarodnu pravnu pomoć i pravosudnu suradnju s državama članicama EU*).

Persuna ta' kuntatt fl-awtorità ċentrali

Alan Marinković

Is-Servizz għall-Assistenza Legali Internazzjonali u l-Kooperazzjoni Ġudizzjarja f'Materji Kriminali (Slużba za međunarodnu pravnu pomoć i pravosudnu suradnju u kaznenim stvarima)

tel.: +385 1 3714203, +385 1 3714558

email: Alan.Marinkovic@pravosudje.hr; europska.unija@mpu.hr

Kuntatti fil-qradi fir-rigward tas-seduti permezz ta' kollegament bil-vidjow

Kuntatti  (459 Kb) 

Lista ta' qradi li għandhom tagħmir tal-vidjow mogħti mill-UNICEF (Skype for Business) għar-reġistrazzjoni ta' informazzjoni mit-tfal

Il-Qorti Kriminali Muniċipali (<i>općinski kazneni sud</i>) ta' Zagreb
Il-Qorti Muniċipali (<i>općinski sud</i>) ta' Split
Il-Qorti tal-Kontea (<i>županijski sud</i>) ta' Bjelovar
Il-Qorti tal-Kontea ta' Osijek
Il-Qorti tal-Kontea ta' Rijeka
Il-Qorti tal-Kontea ta' Sisak
Il-Qorti tal-Kontea ta' Split
Il-Qorti tal-Kontea ta' Varaždin
Il-Qorti tal-Kontea ta' Zagreb
Il-Qorti tal-Kontea ta' Velika Gorica

L-aħħar aġġornament: 26/04/2023

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċetta responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabieq tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.